**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 36**

**It-Tlieta 11 ta' Awwissu 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17.30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier (wasal 17.55) |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Joseph Piscopo | Accountant tal-Kunsill |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**36.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

**36.01.01** Ħadd

**36.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 35)**

**36.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri u sekondat mill-Kunsillier Andrew Cassar, il-minuti ta' seduta **35** ġew approvati unanimament.

**36.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**36.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat kwotazzjoni waħda rrelatata ma' xiri ta' software minħabba tibdil fiċ-Chart of Accounts fuq struzzjonijiet li ħarġet id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li dan is-software huwa meħtieġ sabiex l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Joseph Piscopo jkun jista' jħejji r-rapporti finanzjarji neċessarji. Fuq proponiment tal-Viċi Sinku Keith Bartolo u sekondat mis-Sindku John Schembri, din il-kwotazzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

**36.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**36.04.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera li rċieva komunikat mir-Reġjun Nofsinhar li fiha kien issuġġerit li bħala Kunsill Lokali għandna nħeġġu lir-residenti sabiex fejn jistgħu jirriċiklaw l-affarijiet. Is-Sindku John Schembri qal li din l-inizjattiva tawgura tajjeb sabiex titnaqqas il-ħsara ambjentali.

**36.04.02** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li rċieva korrispondenza miċ-Chess Buddies Community li fiha talbu lill-Kunsill jipprovdu sala sabiex ikunu organizzati dawn it-tournaments. Is-Sindku John Schembri qal li s-sala tas-St Andrew's Football Club hija aktar attrezzata sabiex jintlagħab iċ-ċess fiha. Is-Sindku John Schembri tenna li bħala inizjattiva hija waħda pożittiva immens imma bħala Kunsill ngħaddulhom id-dettalji tas-SAFC sabiex jagħmlu użu mis-sala tagħhom.

**36.04.03** Is-Sindku John Schembri qal li l-Luqa Youth Centre bagħatu talba għal sponsorship sabiex bħala Kunsill ngħinuhom fil-BBQ li se jorganizzaw nhar is-Sibt 22 ta' Awwissu 2026. Is-Sindku John Schembri qal li din l-attivita` se taħbat mal-Luqa Sajf Fest li se jkun qiegħed jorganizza l-Kunsill. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li fit-8 ta' Lulju ħarġet is-sejħa għal dawk involuti u huma m'attendew l-ebda laqgħa li sejjaħ il-Kunsill mal-partijiet interessati. Is-Sindku John Schembri spjega li normalment il-Luqa Youth Centre jagħmlu dan il-BBQ nhar ta' Ġimgħa u mhux nhar ta' Sibt. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li s-sena l-oħra ġara l-istess u bidlu l-ġurnata. Il-Kunsillier Matthew Spiteri tenna li l-Luqa Youth Centre ilhom jagħmlu l-attivita` tagħhom il-Ġimgħa mill-2005, u issa din is-sena għamluha s-Sibt. Is-Sindku John Schembri temm jgħid li għal din is-sena l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa mhux se jkun f'pożizzjoni li joffri l-isponsorship mitluba. Is-Sindku John Schembri qal li għal darb'oħra navżaw lill-organizzazzjonijiet bid-data minn qabel sabiex nippruvaw nevitaw li jaħbtu l-ġranet.

## 36.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**36.05.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri staqsa lis-Sindku John Schembri dwar il-funtana li tinsab fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, sabiex tibda titħaddem mill-ġdid. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsillier Matthew Spiteri li se tintbagħat email lill-Infrastructure Malta għaliex il-proġett tlesta u l-funtana għadha ma taħdimx.

**36.05.02** Il-Kunsillier Matthew Spiteri ssuġġerixxa li wara li l-kuntratturi jingħataw il-permess ta' kostruzzjoni, nobbligaw lin-nies li wara li jsiru dawn ix-xogħlijiet jaħslu fejn ikunu ħadmu. Il-Kunsillier Matthew Spiteri qal li l-bajla m'għandiex tinħasel f'nofs tat-triq u min jikkawża xi ħsara, huwa obbligat li jsewwi. Il-Kunsillier Matthew Spiteri tenna li għandhom jittieħdu ritratti ta' qabel u wara li saru x-xogħlijiet. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li jekk iħallu mandra jew ħmieġ ieħor, darb'oħra ma jinħariġx il-permess. Is-Sindku John Schembri wieġeb li jkun min ikun min iwettaq dawn in-nuqqasijiet, se tittieħed azzjoni kontrih. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li l-ħsarat u l-ħasil huma l-aktar problema li jiffaċċja Ħal Luqa.

**36.05.03** Il-Kunsillier Matthew Spiteri staqsa lis-Sindku John Schembri dwar il-kenniesa li ma tantx qed jidhru f'Ħal Luqa. Is-Sindku John Schembri u l-Viċi Sindku Keith Bartolo, it-tnejn qalu li t-toroq qed isiru. Is-Sindku John Schembri qal li nħatar Direttur Ġenerali ġdid u l-ħasil tal-art sar. Is-Sindku John Schembri spjega li żewġ ħaddiema qed imorru Ħal Farruġ filwaqt li t-tnejn l-oħra qed ikunu f'Ħal Luqa. Is-Sindku John Schembri qal li daħlu diversi rapporti dwar il-knis f'Ħal Farruġ u huwa ħa azzjoni minnufih.

**36.05.04** Il-Kunsillier Matthew Spiteri staqsa lis-Sindku John Schembri jekk tistax issir sleeping policeman f'Valletta Road. Is-Sindku John Schembri qal li ħadd mir-residenti ma jridha wara daru. Is-Sindku John Schembri qal li tista' ssir waħda fejn il-fabbriki ta' Valletta Road. Il-Kunsillier Matthew Spiteri qal li s-sigurta` għandha tiġi l-ewwel u qabel kollox.

## 36.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**36.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat il-messaġġi What's App u tat rendikont u ppreżentat ir-rapporti mitluba ta' kemm daħlu l-ilmenti matul dan ix-xahar.

**36.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa applika għall-Miżura Nru. 1 tal-Galxlokk u li permezz tagħha se jsir Nature Restoration tal-Family Park f'Ħal Farruġ. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li permezz ta' dan ir-restawr se tinbena ċertu rabta mal-komunita` li se jkun qiegħed jagħmel użu minn dan il-park u li se jkunu qed jiġu organizzati diversi attivitajiet mal-komunita`. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li l-manutenzjoni u t-tħawwil ta' siġar se jkompli jsaħħaħ l-ambjent.

## 36.07 Korrispondenza

**36.07.01** Xejn

**36.08 Quarterly Report – January – June 2016**

**36.08.01** L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Joseph Piscopo spjega lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill daqs kemm ħareġ flus, daħħal. Is-Sur Piscopo qal li bħala dħul il-Kunsill Lokali għamel dħul ta' €271,000 u dan ifisser surplus ta' kważi €4,000. L-Accountant Joseph Piscopo qal li l-pagi huma spiża sostanzjali filwaqt li bħala operat il-finanzi huma użati b'mod normali. Is-Sur Joseph Piscopo fisser li jkun tajjeb li bħala Kunsill Lokali nutilizzaw il-fondi li hemm fil-kont tal-bank. Is-Sindku John Schembri qal li l-pjan hu li l-Kunsill jinvesti f'garaxx sura fejn wieħed jista' ukoll jaħżen l-għodda tal-ħaddiema.

**36.09 Skema: SPI.SCI.06.2026 – Karnival 2027**

**36.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li l-Kunsill Lokali rċieva din l-iskema li tagħlaq fit-28 ta' Awwisssu 2026. Il-Kunsilliera preżenti bi qbil unanimu qablu li japplikaw għal din l-iskema u li din l-attivita` issir kollha kemm hi fil-pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsillier Jeffrey Scicluna li se tkun qed tgħaddilu din l-applikazzjoni tal-iskema sabiex ifassal il-pjan.

**36.10 Luqa Sajf Fest**

**36.10.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna kkonferma li l-artisti għal din l-attivita` huma kkonfermati u li ntbagħatu l-PO's rispettivi. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li bħala Pulizija huma kkonfermati ukoll. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li bħala assigurazzjoni u risk assessment dawn lesti ukoll. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li l-bankarelli meta jinġiebu ġurnata qabel, dawn għandhom jitqiegħdu fuq iz-zuntier biex imbagħad jintramaw l-għada. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li għad-dawl huwa se jagħmel sitt arbli u magħhom jintrama' fustun sabiex jipprovdi d-dawl.

**36.11 Tenders**

**36.11.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat kif fil-ġimgħat li ġejjin se jkunu qed jinħarġu għadd ta' tenders li huma l-aktar important. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat kif flimkien mas-Sindku John Schembri u l-Viċi Sindku Keith Bartolo huma ltaqgħu ma' min ifassal it-tenders sabiex jinbdew il-proċeduri għat-tenders il-ġodda.

**36.11 Skeda ta' Pagamenti u petty cash**

**36.11.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri, u sekondat mill-Kunsillier Anton Gatt, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 36.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**36.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-19.40 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 15 ta' Lulju 2026, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 15 ta' Settembru 2026.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |